**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Mejju, 2019**

**Talba Nru: 49/2019PM1**

**Peter Dimech (ID Nru. 119183(M))**

**Vs**

**Mark Anthony Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tmin mitt euro (€2,800) liema somma giet mislufa lilu mill-attur bis-sahha ta' kuntratt datata 22 ta' Jannar, 2019 (Dok. 'A' anness mal-avviz) u liema somma saret kollha dovuta fl-intier taghha wara li l-konvenut naqas milli jhallas kull pagament akkont li kien obbliga ruhu li jwettaq, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju numerat 514/2019 prezentat kontestwalment u bl-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Ra l-kopja tal-iskrittura datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, 2019 annessa mal-avviz tat-talba u mmarkata Dok. 'A'.

Sema' x-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2019.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2019.

Ra li l-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta ta-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi kif jirrizulta car, kemm mix-xhieda tal-attur stess kif ukoll mill-iskrittura datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, 2019, l-attur kien silef lill-konvenut is-somma mitluba ta' elfejn u tmien mitt euro (€2800) ghall-uzu personali tieghu u liema somma l-konvenut intrabat li jhallas lura permezz ta' pagamenti rateali kif dettaljat fl-istess skrittura. Skont l-istess skrittura, il-partijiet qablu wkoll "*li jekk id-debitu ma jithallasx mid-debitur kif hawn miftiehem, partikolarment jekk id-debitur ma jhallasx puntwalment, id-debitur ghandu awtomatikament minghajr htiega ta' notifika ulterjuri jitlef il-beneficcju tat-terminu u d-debitu jsir ezigibbli minnufih*".

Illi skont ma xehed l-attur il-konvenut qatt ma hallas xejn mill-ammont misluf dana minkejja li, ukoll skont kif pattwit permezz tal-iskrittura surreferita, l-ewwel pagament kellu jigi affetwat fit-22 ta' Frar, 2019, tant illi huwa kellu jipprocedi kemm permezz tal-azzjoni odjerna u kif ukoll permezz ta' mandat kawtelatorju.

Illi in linea mal-principju li l-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluhom (*pacta sunt servanda*) kif provdut taht l-art. 992 tal-**Kodici Civili**, dan in-nuqqas ta' pagament da parti tal-konvenut iwassal ghat-telf tal-beneficcju tat-terminu u kwindi s-somma mislufa, skont kif espressament pattwit bejn il-partijiet, issa tinsab dovuta fl-intier taghha mill-istess konvenut. Fir-rigward tal-imghaxijiet, jinsab

ukoll pattwit li, man-nuqqas ta’ hlas puntwali jibda’ jiddekorri imghax bl-ghola rata li tippermetti l-ligi fuq id-debitu pendenti. Ghalhekk ukoll hija gustifikata t-talba anke fir-rigward tal-imghaxijiet dekorsi mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ elfejn u tmin mitt euro (€2,800), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju numerat 514/2019 prezentat kontestwalment u bl-imghax b’effett mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**